**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Jannar 2018**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 1148/2013 JZM**

**M.I.D.C Limited (C282)**

***kontra***

**Malta & Europe Hotels Limited (C422), John Zammit u Michele Martone u Massimiliano Martone rrapprezentati mill-mandatarju specjali l-Avukat Dottor Mario De Marco ;**

***u***

**b`digriet tad-9 ta` Lulju 2014 gew nominati l-Avukat Dr Anthony Stellini LLD u l-Prokuratur Legali Mario Buttigieg bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Massimiliano Martone ;**

***u***

**b`digriet moghti fid-9 ta` Marzu 2015 il-kuraturi deputati l-Avukat Dr**

**Anthony Stellini LLD u l-Prokuratur Legali Mario Buttigieg gew sostitwiti bil-kuraturi deputati Dr Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo ;**

***u***

**b`digriet moghti fid-19 ta` Novembru 2015 gie revokat *contrario imperio* d-digriet moghti fid-9 ta` Marzu 2015 ;**

***u***

**b`digriet moghti fid-19 ta` Novembru 2015 thassru l-kliem "rapprezentati mill-mandatarju specjali l-Avukat Dottor Mario De Marco"**

***u***

**b`digriet moghti fil-11 ta` Lulju 2017 kien ordnat illi l-atti tal-kawza jghaddu fil-persuna ta` Massimiliano, Annabella, Luigi u Franco ahwa Martone sabiex jissoktaw il-kawza bhala konvenuti minflok missierhom il-konvenut Michele Martone li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fid-29 ta` Novembru 2013 li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` attrici hija azzjonista fis-socjeta` konvenuta Malta & Europe Hotels Limited billi ghandha zewg ishma fis-socjeta` konvenuta, li kienet akkwistat minghand Anthony Borg ;*

*2. Illi jirrizulta li l-konvenut Michele Martone kien akkwista sehem wiehed (1 share) fis-socjeta` konvenuta, minghand John Zammit li sussegwentement gie ttrasferit u rregistrat f`isem ibnu Massimiliano Martone ;*

*3. Illi Article 6(1) tal-Articles of Association tas-socjeta` konvenuta tistipula l-procedura li trid tigi segwita biex jista` jsir trasferiment tal-ishma f`din is-socjeta` u tghid: "No share may be transferred to non members unless it is first transferred to the shareholders who shall have the right of option in the proportion laid down in paragraph 7. (2) Shares may be freely transferred "inter vivos", to the descendants of shareholders." (Dok. A3)*

*4. Illi din il-procedura rikjesta "ad validitatem" ghat-trasferiment tal-ishma fis-socjeta` konvenuta tezigi li ssir u tintbaghat cirkolari mis-socjeta` lill-azzjonisti l-ohra kollha, qabel Michele Martone seta` jakkwista s-sehem wiehed (one share) minghand John Zammit ;*

*5. Illi din il-procedura ma gietx segwita in kwantu tikkoncerna s-sehem wiehed li John Zammit biegh lil Michele Martone, billi c-cirkolari qatt ma saret u qatt ma ntbaghtet lill-azzjonisti l-ohra kollha skont id-dokumenti ufficjali tas-socjeta` konvenuta ;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi, ighidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-bejgh, t-trasferiment u r-registrazzjoni tas-sehem wiehed fis-socjeta` konvenuta minn John Zammit lil Michele Martone, u sussegwentement it-trasferiment u r-registrazzjoni ta` dan is-sehem wiehed f`isem Massimiliano Martone huma nulli u minghajr ebda effett legali.*

*2. Tordna lis-socjeta` konvenuta Malta & Europe Hotels Limited sabiex fi zmien perentorju ghal dan il-ghan thassar u tikkancella minnufih ir-registrazzjoni ta` dan is-sehem wiehed fuq imsemmi f`isem Michele Martone u sussegwentement f`isem Massimiliano Martone.*

*3. Fin-nuqqas ta` adempiment mat-tieni talba, tinnomina kuratur jew kuraturi sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci sabiex*

*jaghmlu dawk l-atti u proceduri kollha mehtiega in adempiment mat-tieni talba hawn dedotta.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li jibqghu minn issa ingunti biex jidhru in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat Malta & Europe Hotels Limited fil-31 ta` Lulju 2014 li taqra hekk :–

*Eccezzjonijiet*

*1. Preliminarjament, illi l-esponenti ma ghandux ir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta` esponenti li hija rapprezentata mill-Kontrollur mahtur taht il-Kap. 383 tal-Ligijiet ta` Malta li ghandu r-rapprezentanza tas-socjeta` esponenti.*

*2. Preliminarjament u sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta skont l-artiklu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fil-mertu t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress :-*

*(a) illi ma jirrizultax dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti li x-share trasferit lil Michele Martone ma giex offrut lill-azzjonisti l-ohra jew li sar xi ksur tal-Articles of Association tas-socjeta` esponenti li jgib mieghu n-nullita` ta` tali trasferiment u registrazzjoni tas-sehem wiehed f`isem Michele Martone ;*

*(b) illi r-rikorrenti kienet agixxiet b`mod u hadet pozizzjoni legali li turi jew timplika li hija kienet jew accettat li t-trasferiment ta` share wiehed fis-socjeta` esponenti lil Michele Martone u r-registrazzjoni tieghu bhala azzjonist kienu validi jew li hi rrinunzjat ghal kull dritt li seta` kellha li titlob li jigi ddikjarat null u bla effett tali trasferiment u/jew ir-registrazzjoni tas-sehem f`isem Michele Martone ;*

*(c) illi fi kwalunkwe kaz ma jirrizultax lill-esponenti mir-registru tal-membri li Michele Martone akkwista xi sehem minghand John Zammit.*

*4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*<u>Il-fatti</u>*

*1. Illi ghalkemm Dr Robert Tufigno hu mahtur stralcarju tas-socjeta` Malta and Europe Hotels Limited, ir-rapprezentanza tal-istess socjeta` hija vestita fil-Kontrollur mahtur skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 383 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi skont ir-Registru tal-Membri (folio 23 tat-Tieni Ktieb) fit-23 ta` Ottubru, 1974 Michele Martone kien akkwista minghand certu Joseph Zammit ix-share li kien identifikat bin-numru 1361. Dan hu kkonfermat ukoll minn folio 20 tal-Ewwel Ktieb tar-Registru tal-Membri li juri li Joseph Zammit kien ittrasferixxa share wiehed li kien identifikat bin-numru 1361 lil Michele Martone. Kopji ta` dawn iz-zewg folji huma ezibiti bhala Dok. RT 1 u Dok. RT 2. Mir-Registru tal-Membri ma jirrizultax illi Michele Martone akkwista xi ishma minghand John Zammit.*

*3. Illi lill-esponenti ma jirrizultax dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti li x-share trasferit lil Michele Martone ma giex offrut lill-azzjonisti l-ohra jew li sar xi ksur tal-Articles of Association tas-socjeta` esponenti li jgib mieghu n-nullita` ta` tali trasferiment u registrazzjoni tas-sehem wiehed f`isem Michele Martone.*

*4. Illi f`kawzi ohra li nstemghu u gew decizi mill-Qrati ta` Malta is-socjeta` rikorrenti kienet hadet pozizzjoni legali li turi jew timplika li hija kienet jew accettat li t-trasferiment ta` share wiehed fis-socjeta` esponenti lil Michele Martone kien validu jew li rrinunzjat ghal kull dritt li seta` kellha li titlob li jigi ddikjarat null u bla effett tali trasferiment jew ir-registrazzjoni tas-sehem f`isem Michele Martone. Dawn il-proceduri huma: "Herbert Baldacchino vs Cecil Pace nomine" (Citaz. Nru 1707/1993) deciza minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-31 ta` Ottubru, 1997, u deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b`sentenza moghtija fil-25 ta` Frar, 2000 u wara ritrattazzjoni b`sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell moghtija fit-22 ta` April, 2004; "Cecil Pace et nomine vs Emanuel A. Bonello nomine et" (Citaz. Nru 146/1989) deciza minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fl-24 ta` Jannar, 2014, bhalissa pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell; u "Cecil Pace pro et noe vs Emanuel A. Bonello proprio et*

*nomine" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Lulju, 1996 (Vol. LXXX, Part II, Pg. 849 et seq).*

*5. Illi l-esponenti jaf b`dawn il-fatti minn dokumenti li jinsabu fil-pussess tieghu jew wara ricerka li ghamel.*

*6. Illi l-esponenti, minhabba li l-fatti li jaf huma limitati u mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza, jirrizerva li jelenka xhieda ohra li jista` jsir jaf bihom.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-kuraturi deputati fit-30 ta` Marzu 2015 li taqra hekk :-

*1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jiddikjaraw li ghadhom mhumiex edotti mill-fatti kollha tal-kaz u qed jirrizervaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri f`kaz li jkollhom aktar informazzjoni u jitolbu lill-atturi sabiex jaghtuhom l-informazzjoni inkluz indirizzi ta` fejn jistghu jikkomunikaw mal-intimat.*

*Salv eccezzjonijiet u risposta ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw Massimiliano Martone u Michele Martone fis-26 ta` Ottubru 2015 li taqra hekk :–

*1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponenti jeccepixxu d-dezerzjoni tal-kawza odjerna stante li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fiz-zmien perentorju ta` sitt (6) xhur kif preskritt fl-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, billi l-esponenti Michele Martone u Massimiliano Martone gew notifikati bir-rikors guramentat promotur kwazi sentejn wara d-data tal-prezentata tal-istess.*

*2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost dejjem in linea preliminari, is-socjeta` rikorrenti ghandha tipprova l-interess guridiku*

*necessarju sabiex tippromwovi l-azzjoni odjerna u, in partikolari, li gie registrata azzjonista tas-socjeta` intimata Malta & Europe Hotels Limited.*

*3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost dejjem in linea preliminari, kwalsiasi` azzjoni tentata mis-socjeta` rikorrenti hija perenti bid-dekors ta` tletin sena mill-att impunjat u dana a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*4. (i) Fir-raba` lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost dejjem in linea preliminari, il-mertu ta` din il-kawza diga` kien jifforma parti minn u gie deciz a favur tal-esponenti Michele Martone u Massimiliano Martone fil-kawza fl-ismijiet Herbert Baldacchino et vs Cecil Pace et noe (Citazzjoni Nru 1707/1993) u dana wara li s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla fil-31 ta` Ottubru 1997, li giet ikkonfermata f`sede t`appell mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri fil-25 ta` Frar 2000 u regghet giet ikkonfermata fir-ritrattazzjoni fi stadju tal-appell fit-22 ta` April 2004, liema sentenza llum ghaddiet in gudikat a favur tal-esponenti ;*

*(ii) Illi inoltre l-mertu ta` din il-kawza diga` gie jifforma parti minn kawza ohra deciza a favur tal-esponenti Michele Martone u Massimiliano Martone fil-kawza fl-ismijiet Cecil Pace vs Michele Martone et (Citazzjoni Nru 1202/1997) deciza fil-15 ta` Ottubru 2008 ;*

*(iii) Illi inoltre l-mertu ta` din il-kawza diga` gie trattat u deciz fis-sentenza fl-ismijiet Cecil Pace et pro et noe vs Emanuel A. Bonello pro et noe et (Citazzjoni Nru 146/1989) deciza definittivament fl-24 ta` Jannar 2014, wara l-appell interpost gie ddikjarat dezert permezz ta` provvediment moghti mill-Onor. Qorti tal-Appell fit-13 ta` Lulju 2015.*

*5. Illi ghaldaqstant il-mertu tal-azzjoni kif proposta huwa ezawrit u l-azzjoni kif proposta hija biss abbuz tas-sistema legali ghaliex hija intiza sabiex terga` tiftah proceduri dwar materja li llum ghaddiet in gudikat.*

*6. Illi l-azzjoni kif proposta hija wkoll inammissibli stante li ghandha effett li tiddustriggi jew tirrestringi u tistultifika l-effett tal-gudikat tas-sentenzi precedenti surriferiti.*

*7. Illi inoltre l-azzjoni intentata mis-socjeta` rikorrenti ghandha effett li tistultifika l-likwidazzjoni tas-socjeta` intimata Malta & Europe*

*Hotels Limited bi pregudizzju finanzjarju tal-azzjonisti taghha, l-esponenti, li ilhom ibatu tali pregudizzju snin twal.*

*8. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda fl-interezza taghhom.*

*9. Illi b`referenza ghall-hames paragrafu tar-rikors mahluf u kuntrarjament ghal dak allegat, Michele Martone akkwista validament u b`mod regolari azzjoni wahda minghand J Zammit, liema akkwist gie accettat u rregistrat mis-socjeta` intimata Malta & Europe Hotels Limited.*

*10. Illi t-trasferiment li sar tal-istess sehem minn Michele Martone lil ibnu Massimiliano Martone huwa regolari u validu, liema trasferiment u akkwist gie wkoll accettat u rregistrat mis-socjeta` intimata Malta & Europe Hotels Limited.*

*11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi u b`rizerva contra s-socjeta` rikorrenti ghal kwalsiasi` azzjoni tad-danni spettanti lill-esponenti.*

Rat il-lista tax-xhieda.

**Rat is-sentenza taghha tat-13 ta` Lulju 2017 fejn cahdet it-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenuta Malta & Europe Hotels Limited, kif ukoll it-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenuti Michele Martone u Massimiliano Martone.**

**Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2017 fejn kien hemm qbil fis-sens illi l-Qorti ghandha taghti decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-karenza ta` interess guridiku u dwar l-eccezzjoni tar-*res judicata* qabel ma tghaddi sabiex tqis il-mertu, jekk ikun il-kaz.**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu sal-lum.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-31 ta` Otubru 2017.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-eccezzjoni tal-karenza ta` interess guridiku u dwar l-eccezzjoni tar-*res judicata.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Xiehda</u>

**<u>Av. Malcolm Pace</u>** xehed illi ftit wara l-elezzjoni generali ta` l-1987, saret laqgha mal-Ministru tal-Finanzi li kien l-Onor. Dr. George Bonello Du Puis. Kienu prezenti hu, missieru Cecil Pace u z-ziju tieghu Henry Pace. Hadu maghhom dokumenti dwar il-posizzjoni azzjonarja ta` Malta & Europe Hotels Limited. Id-dokumentazzjoni kienet tirrigwarda l-kwistjoni ta` l-*majority shareholding* fil-kumpannija. Il-Ministru kien spjegalhom illi kien hemm tlett persuni li kienu qed jippretendu li ghandhom *majority shareholding* fil-kumpannija. Skont il-Ministru, il-pretendenti kienu : Herbert Baldacchino, Martone u huma. Il-Ministru nkarika lill-Av. Dr. Tonio Farrugia sabiex jaghmel rapport konfidenzjali u nformali dwar is-*shareholding* tal-kumpannija.

Stqarr illi Dr Farrugia lilu kellmu biss xi darbtejn meta kien qed jipprezenta xi dokumenti ghal kawza ohra li kienet pendenti quddiem il-qrati. Kellmu dwar il-pretensjonijiet ta` l-ahwa Pace u dwar x` kienu l-provi li kellhom dwar is-shares li kellha MIDC Limited fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited. Sostna li ma nzammux seduti formali minn Dr. Farrugia. Huwa talab lil missieru biex ikellem lil Dr Farrugia izda meta cempillu, dan qallu li ma kellux ghalfejn jiltaqa` mieghu u jkellmu.

Kompla jixhed illi fil-bidu tal-1989, sar jaf li r-rapport kien prezentat lill-Ministru u li kien hemm *shareholding* registrat fl-isem ta` Martone. L-opinjoni ta` Dr Farrugia kienet wahda personali u ma kinitx torbot lill-partijiet bhalma torbot decizjoni tal-Qorti. Fisser li minn dak li sema`, wara li l-Ministru rcieva r-rapport, dan ordna lill-Kontrollur ta` dak iz-zmien ossija lil Emmanuel Bonello biex jirregistra s-*shareholding* fl-isem ta` Martone.

Stqarr illi saret kawza Citaz. Nru. 145/1989 dwar iz-zewg shares tal-MIDC li kienu ghadhom ma gewx formalment registrati fil-kotba tal-Malta & Europe Hotels Limited.

Qal illi saret ukoll kawza ohra Citaz. Nru. 146/1989 kontra l-Kontrollur Emmanuel Bonello fejn intalbet dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-*majority shareholding* fil-Malta & Europe Hotels Limited kien jispetta lil MIDC Limited u mhux lil Michele Martone. Fl-istess kawza, il-Kontrollur inzamm responsabbli ghad-danni talli qabad u rregistra s-*shareholding* minghajr sentenza tal-qorti. Matul il-kawza, saret oggezzjoni li Martone ma kienx parti fil-kawza. Fil-fatt Martone ntervjena fil-kawza.

Kompla jixhed illi fl-1993, Martone pprezenta l-kawza Citaz Nru 1707/1993. Fil-kawza kien prezentat ir-rapport ta` Dr Tonio Farrugia. Minn hemmhekk irrizulta li kien talab lil Martone biex juri evidenza ta` kif kien gie ghandu is-sehem wiehed fil-kumpannija. Fil-kors tal-kawza, sar jaf bil-kontenut ta` r-rapport ossija wara s-sena 1993. Skont ir-rapport, kien rikjest minn Martone illi jghaddi kopja tac-cirkulari fejn kienu gew offruti l-ishma ghal bejgh izda din qatt ma giet ipprezentata.

Skont Dr Pace, Dr Farrugia qaghad fuq dak li qal Joseph Abela, li dak iz-zmien, kien is-Segretarju ta` Malta & Europe Hotels Limited, u cioe` illi kienet harget cirkolari kif jirrikjedu l-articles of association tal-kumpannija. Dak iz-zmien diga` kien hemm kontrollur.

Kompla jghid illi huwa kien ipprezenta dokumentazzjoni lil Dr Farrugia dwar kif iz-zewg ishma gew ghand MIDC Limited minghand Anthony Borg, inkluza c-cirkulari li kienet harget.

Stqarr illi huwa kien staqsa lil Raymond Gatt ta` MGI Malta, Kontrollur attwali, sabiex jaghmel il-verifiki dwar jekk kenitx harget cirkolari lill-azzjonisti kollha fejn kien offrut is-sehem ta` John Zammit li imbaghad kien trasferit lil Martone, izda ma nstabet ebda cirkolari.

Kompla jghid illi huwa kien staqsa lil Dr Tufigno biex jara jistax isib ic-cirkolari. Dr Tufigno kkonferma mieghu illi ma kienx hemm cirkolari fir-registru tal-kumpannija.

Qal ukoll illi fl-2016 Raymond Gatt kien xehed fil-kors ta` proceduri ohra illi skont ir-records ufficjali tal-kumpannija ma kienet intbaghtet ebda *circular* lill-azzjonisti kollha ta` Malta & Europe Hotels Limited bl-offerta tal-bejgh tas-sehem ta` Zammit.

Kompla jixhed illi meta xehed Dr Karmenu Mifsud Bonnici, li kien l-ewwel Kontrollur, fi proceduri ohra, kien stqarr illi qatt ma ntbaghtet cirkolari.

Fisser illi huwa kellu laqghat ma` rapprezentanti tal-MFSA, inkluz il-Kap Ezekuttiv Av. Andre` Camilleri, li accetta li l-kaz kellu jkun mistharreg fil-Qorti. Kien ghalhekk li kien appuntat Dr Louis Cassar Pullicino.

**Av. Robert Tufigno** cahad illi qatt saret mieghu l-konversazzjoni li rrefera ghaliha Av. Malcolm Pace fix-xiehda tieghu.

Stqarr illi meta huwa kien mahtur bhala stralcjarju ta` Malta & Europe Hotels Limited, l-unika dokumenti li nghataw lilu fejn si tratta ta` ishma tal-kumpannija kien ir-registru tal-membri.

Qal illi Dok RT7 huwa kopja tar-registru tal-membri. Fid-dokument l-azzjonista M.I.D.C. Limited kien inserit ghall-ewwel darba fil-31 ta` Lulju 1996 wara s-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-istess data (Dok RT8). Dan ifisser li meta Martone kien registrat bhala azzjonista fit-23 ta` Ottubru 1974, M.I.D.C. Limited ma kenitx azzjonista registrata.

**P.L. Quentin Tanti** ghar-Registratur tal-Kumpanniji xehed illi Malta & Europe Hotels Limited kienet registrata bis-sahha tal-Commercial Partnerships Ordinance u kienet regolata bis-sahha tal-Controlled Companies Procedure for Liquidation Act.

Qal illi skont l-Ordinanza ma kienx hemm obbligu li b`kull trasferiment ta` ishma jigi nfurmat ir-Registratur. Ghalhekk ir-Registratur mhux f`pozizzjoni li jaghti elenku ta` l-azzjonisti u tat-trasferimenti li saru. Hija l-kumpannija stess illi hija fil-qaghda li taghti taghrif preciz billi kienet obbligata li zzomm ir-registru tal-membri.

Qal illi anke l-istralcjarju tal-kumpannija jista` wkoll ikollu din l-informazzjoni.

Sostna li l-informazzjoni li ghandu r-Registratur hija dwar detenturi ta` l-ishma ordinarji tal-kumpannija kif tidher fil-harga tal-Gazzetta tal-

Gvern tat-22 ta` Awissu 2006 fejn hemm elenku ta` l-ishma ordinarji kollha ndikati mill-Kontrollur.

**III. <u>It-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenuti Martone (Interess guridiku)</u>**

Permezz tat-tieni eccezzjoni, il-familja Martone tat l-eccezzjoni li s-socjeta` attrici ghandha tipprova l-interess guridiku taghha necessarju sabiex tippromwovi l-azzjoni odjerna ; in partikolari li hija registrata bhala azzjonista tal-konvenuta Malta & Europe Hotels Limited.

**1. <u>Gurisprudenza</u>**

Il-bazi ta` kull azzjoni civili li minnha ghandu jiddipartixxi kull dibattiment huwa l-interess guridiku tal-partijiet, kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenut. Dan huwa l-"*point d`interet, point d`action*" li jehtieg ikollhom il-partijiet. Normalment it-talba ta` l-attur titwieled mill-vjolazzjoni attwali jew allegata tad-drittijiet tieghu u ghalhekk objettivament l-iskop ta` kull kawza huwa sabiex l-attur jerga` jitqieghed fl-ezercizzju jew tgawdija shiha tal-jeddijiet tieghu. Il-funzjoni u l-oneru tal-gudikant huwa li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u jaccerta ruhu mid-drittijiet ta` l-attur sabiex jasal biex jistabilixxi jekk tezistix xi vjolazzjoni ta` jedd, kif ukoll jekk ghandhiex issehh it-tnehhija ta` l-vjolazzjoni. Dan huwa l-interess ewlieni li jrid ikollu kull min jippromwovi azzjoni :

> *"Il primo e precipuo interesse [ta` l-attur] e` di ottenere dal tribunale, come rizultato dell` azione promossa il riconoscimento e l`affermazione del diritto che ne` ha formato il sostrato e ne costituisce anche l`oggetto, e che si allega essere stato leso."* (**<u>Micallef Goggi vs. Armando Mifsud</u>** [Kollez. Vol. XXVII.I.507]).

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta` Mejju, 2002 fil-kawza **<u>George Laferla et vs Joseph Lauri et</u>** inghad :-

> *"Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawza jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista` tissokta (ara "**<u>Calleja vs Micallef</u>**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta` April, 1992,*

*u "**Sammut vs Attard**" deciza wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993)."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta` Jannar 2004 fil-kawza **Kevin Chircop vs Joseph Chircop** kien spjegat illi min jadixxi lill-qrati ghandu juri li ghandu juri li ghandu dritt li kien vjolat, jew li jigi ristabbilit jedd li kien lez mill-konvenut. Allura bl-azzjoni ikun jista` jipprokura rizultat vantaggjuz jew skop utli.

Il-Qorti tosserva li l-interess guridiku, irid jissussisti matul il-hajja kollha ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess ikun nieqes, allura l-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. (**Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** : App. Civ. : 17 ta` Frar 1993).

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` April 2012 fil-kawza **Nicholas de Giorgio kontra Vincent Paul u Valerie konjugi Savona** din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

> *"Illi dwar in-nuqqas ta` interess guridiku tal-attur fil-mument li l-prezenta l-kawza huwa rilevanti li jinghad li "biex wiehed jipproponi domanda f`gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" ("**Beatrice Manche noe –vs- Maria Montebello**" A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" ("**Giuseppe Camilleri et –vs- Giuseppe Sammut et**" P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta ("**Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et**" A.C. 27 ta` Mejju 1991; u "**Albert Calleja –vs- Orazio Micallef**" A.C. - 1 ta` April 1992)."*

Fis-sentenza "**Fenech Adami vs Abela**" moghtija fis-6 ta` Ottubru 1999 (Kollez. Vol. LXXXIII.II.331) il-Qorti ta` l-Appell sostniet hekk –

> *"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa*

*l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita esistenza o violazione del diritto. "Illi ... huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta` awtorita` gudizzjarja." "ara wkoll is-sentenza ta` din il-Qorti tal-15 ta` Lulju 1952 (Vol XXXVI.II.493) fil-kawza "**<u>Baldacchino vs Bellizzi</u>".***

Fid-decizjoni li tat fil-kawza **<u>Angelo Spiteri vs Giuseppe Zammit et</u>**" (Kollez. Vol. XLII-II-1032), din il-Qorti diversament presjeduta spjegat b`liema mod ghandha tqis l-interess ta` l-attur. Fissret il-hsieb taghha hekk :-

*"Dan l-interess irid ikun jezisti fil-mument li tkun spjegata l-azzjoni. L-attur irid juri illi ghal esercizzju tad-dritt tieghu huwa ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti. Irid juri li mill-kawza jirritraji utilita` "rikonoxxuta mill-ligi." "L`utilita` che dal gudizio si spera di trarre deve essere riconosciuta dal diritto obiettivo come base sufficiente per intentare l`azione". (Dizionario Pratico del diritto privato, Scaloja, Interesse in Giudizio)" ("**<u>Bartoli vs. Zammit Tabone</u>**" Vol. XLV-1-58).*

*"F`dan ir-rigward huwa ormaj pacifiku anki fil-gurisprudenza taghna, illi l-interess huwa l-misura mhux biss tal-azzjoni, imma anki ta` l-eccezzjoni (Kollezz XXIV-11-627); jigifieri, dan l-interess ghandu jinstab tant f`min jipproponi domanda gudizzjarja, kemm f`min jigi mharrek biex jikkontradiciha."*

Fl-istess sentenza kienu ndikati r-rekwiziti tal-interess guridiku :

*"Dan l-interess ghandu jkollu diversi rekwisiti fost hwejjeg ohra ghandu jkun legittimu, jigifieri ghandu jkun konformi mad-dritt u jekk dan ikun biss interess u mhux anki dritt, l-azzjoni ma tregix (kollezz. XXXVII-III-889) u ghandu jkun ukoll ezistenti fil-konfront tal-konvenut maghzul bhala kontradittur legittimu fil-kawza." (Kollezz XXIV-II-627 u XXXVII- II-889)*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta` April 2013 fil-kawza **Amedeo Barletta noe et vs L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta** inghad illi :-

> *"Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l- interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet **Manche` vs Montebello** (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri vs Sammut** (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd talazzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet **Cortis vs Bonello** (Kollez. Vol: XXXI.i.218);*
>
> *Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss filbidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet **Sammut et noe vs Attard** (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*
>
> *Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Caruana** (Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983*

*fil-kawza fl-ismijiet **Ignazio Gatt vs Michael Debono et**).*

*Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-ismijiet **Axiaq vs Mizzi noe et** (Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet **Scolaro vs Bailey** (Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

(ara wkoll : **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 18 ta` Jannar 2001 ; u **Muscat vs Buttigieg et** Appell Civili : 27 ta` Marzu 1990 : Kollez. Vol. LXXIV.iii.481).

Dahlet fid-dettall tal-kwistjoni tal-interess id-decizjoni li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fit-2 ta` Mejju 2012 fil-kawza **Emanuel Portelli vs Paul Said et** :-

*"Il-Mattirolo (Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano ; Torino 5ta. ed. Torino 1902 #54 et. seq.) ifisser b`mod tassew lucidu x`inhu l-interess guridiku li jrid ikun hemm f`kull kawza bil-mod segwenti:*

*"54. L`azione presuppone il diritto, che essa e` chiamata a tutelare; ma perche` la si eserciti e` mestieri che vi si abbia interesse. Indi la massima di giurisprudenza tradizionale "l`interesse e` la misura di azione" "point d`interet,point d`action".*

*Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all`attore che al convenuto:all`articolo 36 (illum art. 100 c.p.c.) e` detto che `per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e` necessario avervi interesse`.... l`interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita` di attore,di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere diretto, legittimo, e attuale.*

*55. E` mestieri dapprima che l`interesse sia diretto, personale, perche` … niuno e` ammesso a*

*stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L`interesse deve in secondo luogo essere legittimo, cioe` confome al diritto di chi sta in causa. L`interesse e` cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l`utile e` distinto dal giusto; l`azione compete soltanto a tutula dei diritti, l`interesse e` la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi` che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d`altri pregiudichi i nostril interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e` injuria datum, se cioe` non e` prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l`interesse deve essere attuale, val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l`azione. Avvertasi pero` che l`interesse puo` essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche` anche un diritto eventuale puo` essere leso; e la lesione fa sorgere l`interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente" ( pag. 50 – 52).*

*Il-ligi procedurali taghna ma tipprovdix artikolu specifiku dwar dan l-interess guridiku f`kawza bhal ma taghmel dik taljana. Imma kif kellhom okkazzjoni jghidu l-Qrati taghna:*

*"Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia, e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e` l`interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche` se l`interesse e` una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l`appello,e` tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio"* ***Micallef Goggi vs Armando Mifsud*** *kollez vol. XXVII. I. 507*

*Infatti tezisti gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna dwar l-elementi ta` l-interess guridiku mehtiega f`kull kawza. Hekk insibu jinghad illi:*

*"In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt gudizzjarju civili li l-interess hu l-mizura ta` l-azzjoni (vol. XXXVII. ii. 608); u r- rekwizit ta` l-interess hu ndispensabbli ghall-proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sedi ta` gurisdizzjoni kontenzjuza (vol. XXVII. i. 507). L-interess hu l-bazi ta` l- azzjoni (vol. XXIX. i. 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (vol. XXX. i. 317). L-attur fil- gudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment taghha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta. U l-interess irid ikun ga twieled u jrid ikun attwali, biex jiggustifika l-azzjoni (vol. XXXIII. i. 108; vol. XXXVII. i. 57; XXXVII. ii. 608). Biex wiehed jipproponi domanda f`gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn illi jkollu nteress fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utili; liema nteress irid ikun legittimu u konkret (Vol. XXVIII. ii. 317)." Appell :* ***Pietro Paolo Borg v. Giuseppe Caruana*** *: 3.12.1984 ; vol. LXVIII.ii. 233 ."*

(ara wkoll : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 12 ta` Dicembru 2011 : **Karina Fenech vs Awtorita` tad-Djar et** ; u 2 ta` Ottubru 2003 : **Edrichton Estates Ltd vs Munro Philipps & Company Ltd** fit-2 ta` Ottubru 2003)

Riassunt ta` l-principji li jiddelineaw l-interess guridiku jinsab fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Novembru 2003 fil-kawza **Agatha Formosa Gauci vs Dr Francis Lanfranco et** fejn inghad :-

*Il-principji relativi ghall-interess guridiku huma s-segwenti :*

*(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.*

*(ii) l-istat attwali ta` ksur ta` jedd jikkonsisti f` kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew*

*tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq.*

*(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta` l-istess attur u dan billi kull persuna ghanda d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha.*

*(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.*

*(v) l-interess guridiku jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja kollha ta` l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza.*

*(vi) l-interess ta` l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-motiv ta` l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntratat.*

*(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista` jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta` accertament. Madanakollu, f` kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista` ssir aktar `l quddiem.*

*(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f` somma determinata ta` flus jew gid, imma jista` jkun imsejjes biex ihares jew jaghti l-gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku.*

*(ix) jekk azzjoni, ghalkemm ikun imsejsa fuq jedd ta` l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali-azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg."*

## 2. Sottomissjonijiet

### a) Martone

Tramite d-difensur taghhom, il-membri tal-familja Martone sostnew illi l-kawza odjerna titlaq mill-premessa illi MIDC hija azzjonista ta` Malta & Europe Hotels Limited,. Tkompli billi ssir referenza ghal *share* wiehed li Michele Martone akkwista minghand Zammit. Il-kawza hija fonfata fuq allegazzjoni li l-procedura tal-*pre-emption rights* elenkata fl-*articles of association* ma kenitx korrettament segwita.

Ikomplu jghidu Martone illi mill-provi rrizulta li l-M.I.D.C. kienet rikonoxxjuta u registrata bhala azzjonista fil-31 ta` Lulju 1996.

Skont Martone, qabel Lulju 1996, M.I.D.C. ma kinitx *shareholder*.

Is-*share transfer* li qed tipprova tattakka M.I.D.C kien registrat fir-registru tal-kumpanniji fit-23 ta` Ottubru 1974, iktar minn ghoxrin (20) sena qabel M.I.D.C. kienet registrata bhala azzjonista.

Saret referenza ghall-Art 6(2) tal-*Articles of Association* li jghid illi - "*until the transfer is approved by the Board of Directors and registered by the company, the transferor shall be deemed to be the holder of the share or shares transferred by him*"..

Skont Martone, l-*articles of association* jaghmel car il-punt illi rrispettivament dwar meta M.I.D.C tallega li akkwistat is-sehem minghand Borg, hija kienet rikonoxxjuta bhala azzjonista tas-socjeta` konvenuta meta dak is-*share* kien registrat.

Ladarba l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq l-allegazzjoni illi ma kienx inghata l-avviz mehtieg lill-azzjonisti kif jipprovdi Art 6(1) tal-Articles of Association, dak id-dritt ma kienx tas-socjeta` rikorrenti izda ta` l-azzjonisti fiz-zmien meta sehh l-allegat trasferiment : Ottubru 1974.

Martone jinsistu illi ladarba M.I.D.C ma kenitx azzjonista fl-1974, ma jistax jinghad illi kien hemm vjolazzjoni ta` dritt taghha, propju ghaliex il-kawza toqghod fuq dak li jistipola l-Art 6(1) tal-Articles of Association ta` Malta and Europe Hotels Limited li jaghti d-dritt tal-*pre-emption* lil min kien *shareholder* dakinhar.

**b)** **Malta & Europe Hotels Limited**

Is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi ma jistax ikun hemm interess guridiku fil-kaz ta` negozju li qatt ma sehh.

Tinsorgi d-domanda : jekk in-negozju li qed jigi attakkat bil-kawza tal-lum qatt ma sehh, kif tista` s-socjeta` rikorrenti jkollha interess guridiku ?

**c)** **Is-socjeta` attrici**

Tghid illi mhux kontestat li r-registrazzjoni effettiva tal-ishma ta` M.I.D.C. irrizultat f'Lulju 1996 wara s-sentenza tal-31 ta` Lulju 1996 fil-kawza **Cecil Pace pro et noe vs Emanuel Bonello** li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell.

Is-socjeta` attrici ma taqbilx illi d-drittijiet taghha bhala azzjonista tas-socjeta` konvenuta skattaw biss fil-mument tas-sentenza u tar-registrazzjoni.

Skont ir-rikorrenti, ir–registrazzjoni m` hijiex titolu.

L-interess ta` azzjonista li jakkwista l-ishma jitwieled mal-konkluzjoni tal-att tat-trasferiment innifsu u r-registrazzjoni mhix necessarja *ad validitatem* ghad-drittijiet ta` proprjeta` li jgawdi *una volta* li jigi konkluz l-att tat-trasferiment.

Skont ir-rikorrenti, l-interess li kellha *qua* azzjonista twieled bl-att ta` trasferiment li sar fl-1972 minkejja li r-registrazzjoni effettiva ta` dak it-trasferiment sehhet in segwitu ghas-sentenza ta` l-1996.

Ir-registrazzjoni ta` l-ishma ma kienx jinkombi fuq M.I.D.C izda fuq is-segretarju tal-kumpannija ta` dak iz-zmien jew eventwalment fuq il-kontrollur.

Inghad ukoll illi anke jekk fid-data ta` trasferiment ta` s-*share,* M.I.D.C. ma kinitx registrata formalment ghal ragunijiet mhux imputabbli lilha, dak il-fatt ma kienx jippregudika l-interess li ghandha sabiex tinvoka ir-rimedju li qeghda titlob bil-kawza tal-lum.

Inghad ukoll illi M.I.D.C tinsab fi stadju ta` stralc u kontroll effettiv bhal ma tinsab Malta & Europe Hotels Limited.

Ghalhekk M.I.D.C ghandha interess guridiku li ssir id-distribuzzjoni ta` l-assi kif ghandu jsir.

## 3. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Fil-kaz tal-lum, ghal dak li jirrigwarda r-registrazzjoni ta` trasferiment ta` ishma, ghandha ssir referenza ghad-disposizzjonijiet tal-**<u>Kap 168</u>** peress illi s-socjeta` attrici u dik konvenuta huma socjetajiet taht kontroll.

Infatti l-**<u>Art 431(1)(d) tal-Kap 386</u>** ighid hekk :-

> *Socjeta` kummercjali li fl-1 ta` Marzu, 1998, tkun attiv kontrollat kif imfissra fl-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Procedura ta` Stralc), ghandha tkompli tigi regolata bl-Ordinanza sa sitt xhur wara li dik is- socjetà kummercjali tkun waqfet milli tkun attiv kontrollat skont dak l-Att; u d-disposizzjonjiet tal- artikolu 428 ghandhom ikunu applikaw ghal dik il-kumpannija kontrollata bhallikieku riferenza li hemm ghat-28 ta` Frar, 1998, kienet riferenza ghall-ahhar jum tal-perijodu ta` sitt xhur wara li s-socjetà kummercjali tkun temmet milli tkun attiv*

*kontrollat, u riferenza ghall-1 ta` Marzu, 1998 kienet riferenza ghall-ewwel jum li jigi minnufih wara dak il-perijodu, u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (16) tal-imsemmi artikolu 428 ikunu biss japplikaw wara l-31 ta` Dicembru tas-sena li fiha jkun skada dak il-perijodu ta` sitt xhur.*

Ladarba s-socjetajiet ghadhom sal-lum taht kontroll huwa l-Kap 168 li jghodd fir-rigward taghhom.

Il-Qorti sejra tirreferi ghal disposizzjonijiet tal-Kap 168 li tqis rilevanti ghall-kwistjoni that esami.

**L-Art 104 tal-Kap 168** ighid :-

*"Fuq talba ta` min jittrasferixxi xi azzjoni jew obbligazzjoni ta` kumpannija, il-kumpannija ghandha tnizzel fuq ir-registru taghha tal-membri jew tal-obbligazzjonijiet, skont il-kaz, l-isem tal-persuna li jkun sar lilha t-trasferiment bl-istess mod u suggett ghall-istess kondizzjonijiet bhallikieku t-talba ghar-registrazzjoni tkun saret minn min ikun sar lilu t-trasferiment."*

**L-Art 105 tal-Kap 168** ighid :-

*(1) Kull kumpannija, fi zmien xahrejn wara l-ghoti ta` xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet taghha u fi zmien xahrejn wara d-data li fiha t-trasferiment ta` dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikun gie prezentat lill-kumpannija, u fi zmien xahar mid-data li fiha xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet bhal dawk trasmessi causa mortis ikunu gew registrati fl-isem tal-persuna li jkollha dritt tkun registrata bhala d-detentrici taghhom, ghandha tikkonsenja c-certifikati tal-azzjonijiet kollha, l-obbligazzjonijiet u c-certifikati ta` kull stock ta` obbligazzjonijiet moghtija, trasferiti jew trasmessi causa mortis lill-persuni li jkollhom jedd ghalihom, jekk il-kondizzjonijiet tal-hrug tal-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ma jahsbux xort`ohra.*

*(2) Il-kelma "trasferiment" ghall-finijiet ta` dan l-artikolu tfisser trasferiment bollat kif imiss u xort`ohra validu, u ma tinkludix dak it-trasferiment li l-kumpannija ghal xi raguni jkollha dritt li tichad li tirregistra u li ma tirregistrax.*

*(3) F`kaz ta` nuqqas ta` tharis ta` xi wahda mid-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu, kull ufficjal tal-kumpannija li jkun naqas ikun jista` jehel penali ta` mhux izjed minn erba` euro u sitta u sittin centezmu (4.66) ghal kull gurnata sakemm idum in-nuqqas.*

Imbaghad fl-**<u>Art 107 tal-Kap 168</u>** jinghad :-

*Kull kumpannija ghandha zzomm registru tal-membri taghha u tnizzel fih il-partikolaritajiet li gejjin :*

*(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri u dikjarazzjoni tal-azzjonijiet li jkollu kull membru li turi kull azzjoni bin-numru taghha, meta l-azzjoni jkollha numru, u tal-ammont imhallas jew miftiehem li jigi meqjus bhala mhallas fuq l-azzjonijiet ta` kull membru ;*

*(b) id-data li fiha kull persuna tkun tnizzlet fir-registru bhala membru ;*

*u*

*(c) id-data li fiha xi persuna ma tkunx baqghet membru :*

*Izda mal-hrug ta` warrant dwar azzjonijiet il-kumpannija ghandha thassar mir-registru taghha tal-membri l-isem tal-membru li allura jitnizzel fih bhala d-detentur tal-azzjonijiet imsemmija fil-warrant u tnizzel, minflok il-htigijiet imsemmija, il-partikolaritajiet li gejjin :*

*(i) il-fatt tal-hrug tal-warrant ;*

*(ii) dikjarazzjoni dwar l-azzjonijiet inkluzi fil-warrant, li turi kull azzjoni bin-numru taghha, meta l-azzjoni jkollha numru ; u*

*(iii) id-data tal-hrug tal-warrant :*

*Izda wkoll meta l-kumpannija tkun biddlet xi azzjonijiet taghha fi stock u tkun irregistrat it-tibdil mar-Registratur kif hemm mahsub fl-artikolu 77(2), ir-registru ghandu juri l-ammont tal-istock mizmum minn kull membru minflok l-ammont ta` azzjonijiet u l-partikolaritajiet dwar azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a).*

*(2) Ir-registru tal-membri ghandu jinzamm fl-ufficcju registrat tal-kumpannija.*

*(3) F`nuqqas ta` tharis ta` xi wahda mill-htigijiet ta` dan l-artikolu, kull ufficjal tal-kumpannija li jkun fin-nuqqas jista` jehel penali ta` mhux izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).*

Tajjeb li jsir tixbieh ma` dak li jipprovdi l-**Kap 386** tal-Ligijiet billi jirrizulta li l-obbligi huma diversi.

**L-Art 119 tal-Kap 386** ighid :-

*(1) Fuq talba ta` min jittrasferixxi jew li lilu tkun trasferita xi azzjoni jew obbligazzjoni ta` kumpannija l-kumpannija ghandha tnizzel fuq ir-registru taghha tal-membri jew tal-obbligazzjonijiet, skont il-kaz, l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment u meta t-talba ssir minn min jaghmel it-trasferiment ir-registrazzjoni ghandha ssir bl-istess mod u suggetta ghall-istess kondizzjonijiet daqslikieku t-talba gharregistrazzjoni saret mill-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment.*

*(2) Jekk kumpannija tirrifjuta li tirregistra trasferiment ta` azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, din ghandha, fi zmien xahrejn mid-data li fiha jkun pprezentat it-trasferiment, tibghat avviz ta` rifjut lill-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment.*

*(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tar-regolamenti li jinsabu f`Taqsima I tal-Ewwel Skeda u minkejja dak kollu li hemm filmemorandum jew statut ta` kumpannija pubblika, id-diretturi ta` kumpannija pubblika ghandhom l-obbligu li jirregistraw ittrasferiment ta` kull azzjonijiet fil-kumpannija favur kull persuna li tkun akkwistat dawk l-azzjonijiet b`rizultat tal-bejgh bis-subbasta taghhom.*

*(4) Fuq it-talba tal-persuna li lilha l-jedd ghal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta` kumpannija jkun gie trasmess causa mortis, il-kumpannija ghandha tirregistra fir-registru taghha tal-membri jew tal-obbligazzjonijiet, skont il-kaz, l-isem u l-indirizz ta` dik il-persuna.*

*(5) Jekk kumpannija tirrifjuta li tirregistra trasmissjoni kif imsemmi fis-subartikolu (4), din ghandha, fi zmien xahrejn middata li fiha tkun ipprezentata it-trasmissjoni, tibghat avviz ta` rifjut lill-persuna li lilha l-jedd ghal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta` kumpannija jkun gie trasmess causa mortis.*

*(6) Fin-nuqqas tat-tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (5), kull ufficjal tal-kumpannija li jonqos, jehel penali, u ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra.*

**<u>L-Art 120 tal-Kap 386</u>** jistipola illi :-

*(1) Kull kumpannija, fi zmien xahrejn wara l-ghoti ta` xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet taghha u fi zmien xahrejn wara d-data li fiha t-trasferiment ta` dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikun gie registrat mal-kumpannija, u fi zmien xahar mid-data li fiha xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet bhal dawk trasmessi causa mortis ikunu gew registrati fl-isem tal-persuna li jkollha dritt tkun registrata bhala d-detentrici taghhom, ghandha tikkonsenja c-certifikati tal-azzjonijiet, obbligazzjonijiet jew stock ta` obbligazzjonijiet kollha moghtija, trasferiti jew trasmessi causa mortis lill-persuni li jkollhom jedd ghalihom, jekk il-kondizzjonijiet*

*tal-hrug tal-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ma jipprovdux xort`ohra.*

*(2) Il-kelma "trasferiment" ghall-finijiet ta` dan l-artikolu tfisser trasferiment li fuqu jkun thallas id-dazju dovut, jekk ikun hemm, u hu xort`ohra validu, u ma tinkludix dak it-trasferiment li lkumpannija ghal xi raguni jkollha dritt li tichad li tirregistra u li ma tirregistrax.*

*(3) Fil-kaz ta` trasferiment jew trasmissjoni causa mortis ta` azzjonijiet il-kumpannija ghandha fi zmien erbatax-il jum mid-data li fiha t-trasferiment ta` xi azzjonijiet bhal dawk ikun registrat malkumpannija, u fi zmien xahar mid-data li fiha t-trasmissjoni causa mortis ta` xi azzjonijiet bhal dawk tkun registrata f`isem il-persuna li jkollha l-jedd li tkun registrata bhala d-detentur taghhom, tikkonsenja lir-Registratur ghar-registrazzjoni avviz tat-trasferiment jew tat-trasmissjoni causa mortis fejn taghti l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li lilhom ikun sar it-trasferiment jew lismijiet u l-indirizzi tal-persuni li jkollhom il-jedd ghall-azzjonijiet trasmessi causa mortis, skont il-kaz :*

*Izda fil-kaz ta` kumpanniji pubblici li jkollhom l-azzjonijiet taghhom li jkunu gew accettati fl-elenku ta` suq regolat jew f` suq ekwivalenti fi Stat mhux Membru jew Stat ... il-konsenja lir-Registratur ghandha ssehh fi zmien disghin gurnata wara d-data li fiha t-trasferiment ta` xi azzjonijiet bhal dawk tkun registrata mal-kumpannija, u fi zmien disghin gurnata mid-data li fiha t-trasmissjoni causa mortis ta` xi azzjonijiet bhal dawk tkun giet registrata f`isem il-persuna li jkollha l-jedd li tkun registrata bhala d-detentur taghhom.*

*(4) Fin-nuqqas tat-tharis ta` xi wahda mid-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu, kull ufficjal tal-kumpannija li jonqos jista` jehel penali, u ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra.*

Abbazi tal-**<u>Art 123 tal-Kap 386</u>** :

> *(1) Kull kumpannija ghandha zzomm registru tal-membri taghha u tnizzel fih il-partikolaritajiet li gejjin :*
>
> *(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri u dikjarazzjoni tal-azzjonijiet li jkollu kull membru li turi kull azzjoni bin-numru taghha, meta l-azzjoni jkollha numru, u tal-ammont imhallas jew miftiehem li jigi meqjus bhala mhallas fuq l-azzjonijiet ta` kull membru;*
>
> *(b) id-data li fiha kull persuna tkun tnizzlet fir-registru bhala membru; u*
>
> *(c) id-data li fiha xi persuna ma tkunx baqghet membru:*

Fil-ktieb "**<u>Principles of Maltese Company Law</u>**" Andrew Muscat ighid hekk dwar in-notifika tar-Registratur tal-Kumpanniji bit-trasferiment ta` ishma :

> *"In the case of a transfer or of a transmission causa mortis of shares, the company is obliged, within fourteen days after the date on which a transfer of any such shares is registered with the company, and within one month from the date on which any such shares transmitted causa mortis have been registered in the name of the person entitled to be registered as the holder thereof, to deliver to the Registrar for registration a notice of the transfer or the transmission causa mortis stating the names and addresses of the transferees or the names and addresses of the persons entitled to the shares transmitted causa mortis, as the case may be."* (pg 497-498)

**Mill-premess, dak essenzjali u li johrog mill-Kap 168 huwa li jinzamm *register of members* sabiex jitnizzel u jkun ikkonservat min huma s-*shareholders.***

**Dan ighodd ukoll fil-kuntest tal-Kap 386.**

Ikompli ighid **Andrew Muscat** fil-pag 813 u 816 tal-istess ktieb (op. cit.) :-

> *"Whenever a share transfer takes place, the name and address of the transferee should, on the application of the transferor or of the transferee, be entered in the register of the members (Art 119(1) Companies Act) …*
>
> *A person can only be recognised as a shareholder, at least for the purposes of the Companies Act, if his name is entered into the register of members.*
>
> *This rule results from Article 2(1) of the Act which inter alia defines a shareholder, as "a person entered in the register of members of a company…"*
>
> *Moreover, articles of association often provide that the transferor of a share is to be deemed to remain a holder of the share until the name of the transferee is entered in the register of members in respect thereof.*

**Andrew Muscat** jinserixxi footnote li taqra hekk :-

> *"The terms "shareholder" and "member" are interchangeable. In English Law, although the terms are often used interchangeably, there is in fact a distinction. Thus a company limited by guarantee has members but it does not have shareholders. And the holder of bearer shares does not become a member, since entry in the register of members is necessary for this purpose (vide section 122 ta the UK Companies Act 1985 which has been restated by section 112 of the UK Companies Acts 2006). In Maltese law, however, the holder of a share warrant is a "shareholder" and a "member" unless otherwise specifically provided means a shareholder [vide article 2(1) Companies Act]".*

Ghall-fini ta` kompletezza ta` analizi, se ssir riferenza ukoll ghall-**Art 112 tal-Companies Act 2006** tal-Ingilterra fejn dwar "*member*" jinghad hekk fil-kuntest tal-kwistjoni li qeghda tigi trattata bhalissa :–

*1. The subscribers of a company`s memorandum are deemed to have agreed to become members of the company, and on its registration become members and must be entered as such in its register of members.*

*2. Every other person who agrees to become a member of a company, and whose name is entered in its register of members, is a member of the company.*

Fis-sentenza riportata fil-Kollez. Vol LXXXI.ii.277 fil-kawza "**Herbert Baldacchino noe vs Cecil Pace et pro et noe et**" jinghad hekk :-

> *"Punti saljenti ohra f` din il-materja li tittratta dwar ishma f` socjetajiet Limited Liability Companies huwa illi d-dottrina Anglo-Sassona hija d-dottrina li ghandha tigwida l-interpretazzjoni tal-ligi taghna li hija fil-fatt immodellata fuq il-princiju ta` dik is-sistema legali ;*
>
> *F` dik is-sistema il-pussess li huwa relevanti, vis-à-vis il-kumpannija, huwa dik tal-persuna li tkun giet irregistrata fl-ishma mill-istess socjeta` u minkejja illi shar transfer seta` ta` a beneficial ownership, dan ma kienx sufficjenti. Hekk per ezempju il-Gower -* ***Gower`s Principle of Modern Company Law*** *(Fourth Edition) f` pagna 454 :*
>
> *"… does not become a member or shareholder until the transfer is registered. Moreover it is the policy of our company law that the company shall not be concerned with the beneficial ownership but shall only be bound or entitled to recognize the person whose name is on the register."*
>
> *Fl-istess sens* ***Pennington`s Company Law*** *(Fourth Edition) fil-pagna 296 :*
>
> *"The legal title to the share is vested in the person entitled to it either by allotment by the company or by a transfer from a former holder, but if all the legal rights, in respect of the share are to be enjoed by that person, the company must have registered him as a holder of it in the company`s register of members."*

*Hekk ukoll fit-tieni edizzjoni tal-ktieb **<u>Company Law - Questions and Answers</u>** – Griffiths & Gregory 2nd Edition, fejn jghidu :*

*"The key to the system of transferability of shares is the register of members kept by a company. Entry on the register completes the biased item and makes him a member."*

*Jasal ghall-istess konkluzjoni l-Professur Joseph Micallef fil-ktieb tieghu **<u>"The European Company – A Comparative Study with the English & Maltese Law" ;</u>***

*Jidher ghalhekk, illi huwa pacifiku li fis-sistema legali taghna l-kwistjoni tal-pussess u t-tgawdija ta` dan id-dritt personali ma jappartjenix lil min ghandu ix-share certificate biss f` idejh izda lil min ghandhu share certificate li giet registrata mill-kumpannija."*

**Jidher evidenti li persuna titqies azzjonista meta tkun giet imnizzla fir-registru tal-membri. Madanakollu l-Qorti tqis li ghall-fini tal-kwistjoni li qeghda tigi trattata bhalissa ma tarax li ghax l-attrici kienet registrata fl-1996 bhala azzjonista fil-kumpanija intimata allura m`ghandhiex interess guridiku fil-kawza kif promossa.**

Il-kumpannija attrici ghandha fil-pussess taghha dokument li bih hija akkwistat sehem fil-kumpannija konvenuta, u ghalhekk akkwistat dritt ta` proprjeta` fir-rigward ta` dan is-sehem. Huwa minnu li dan is-sehem ma giex registrat hlief fl-1996, izda b` daqshekk ma jfissirx li l-attrici m`ghandhiex interess fuq dak li gara fil-kumpannija konvenuta qabel ir-registrazzjoni tas-sehem.

Fir-registru tal-membri tal-kumpannija konvenuta, hemm indikata bhala "*date when called*" id-data tat-30 ta` Ottubru 1972. (fol 244).

Mill-estratt tal-avviz nru 734 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta` Awissu 2006 a fol 245 sa 248 tal-process, jirrizulta li :

*"According to a court judgement Pace vs Bonello decided by the court of appeal on 31/07/96 it was*

*held that M.I.D.C. Limited had validly purchased 2 shares from Anthony Borg (shares numbered 1133-1134). The Court did not declare that M.I.D.C Limited is a registered member in the Company. However, the Controller of the Company had declared in court that he would abide by any court judgement as to the validity of the share transfer. Eventually on the 31st July 1996, the Controller eneterd the names of M.I.D.C limited as registered member for 2 shares."*

Fis-sentenza fil-kawza **Pace vs Bonello** deciza fil-31 ta` Lulju 1996 ezebita a fol 423 sa fol 433 inghad illi MIDC kienet akkwistat l-ishma 1133-1134 fil-kumpannija Malta and Europe Hotels Limited minghand Anthony Borg fis-sena 1972. Il-Qorti ta` l-Appell ma dahlitx fi kwistjoni dwar jekk MIDC Limited kinitx membru registrat tal-kumpannija izda peress li l-Kontrollur tal-kumpannija kien sostna fil-mori tal-kawza illi huwa kien ser jimxi skont ma` dak li tiddeciedi l-Qorti dwar il-validita` ommeno tat-trasferiment ta` dawn l-ishma, dan ghadda biex irregistra lill-MIDC Limited bhala membru tal-kumpannija Malta and Europe Hotels Limited fil-31 ta` Lulju 1996.

Fl-istess decizjoni, il-Qorti ta` l-Appell tajjeb osservat illi azzjonista ta` Malta & Europe Hotels Limited ghandu interess dirett li jikkontesta kemm it-trasferiment kif ukoll ir-registrazzjoni ta` l-ishma fuq isem il-kompratur in kwantu jkun qed jikkontendi li ma gewx osservati *ad unguem* ir-regolamenti tal-*memorandum* u ta` l-*articles* tas-socjeta` li jirregolaw it-trasferiment ta` l-ishma *inter vivos*. Inghad illi kull azzjonista ghandu interess guridiku li jivverifika li l-proceduri tat-trasferiment ta` l-ishma jkunu gew segwiti sewwa anke ghaliex l-azzjonista ghandu d-dritt ta` opzjoni li jakkwistahom qabel ma jigu offerti lil terzi.

**Din il-Qorti tqis li minkejja li MIDC Limited kienet registrata fir-registru tal-membri ta` Malta & Europe Hotels Limited fil-31 ta` Lulju 1996, ladarba kien rikonoxxjut illi MIDC Limited effettivament akkwistat dawn l-ishma partikolari mis-sena 1972, hija ghandha l-interess guridiku li tipprezenta t-talbiet li qeghda tressaq il-kawza tal-lum dwar dak li sehh fil-1974.**

**B`zieda ma` dan, tajjeb li jigi rilevat illi anke abbazi tad-dotrina ta` *jus superveniens* kwalsiasi argument li ngieb fis-sens illi ghax MIDC Limited ma kinitx registrata bhala membru fir-registru fis-sena 1974 allura m`ghandhiex *locus standi* sabiex tilmenta u**

**tiehu azzjoni kontra dak li sehh fis-sena 1974 kien superat bil-fatt li in segwitu fl-1996, u allura qabel saret din il-kawza, MIDC Limited effettivament kienet registrata fir-registru tal-membri.**

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fil-kawza **<u>Marianna Cini pro et noe vs Paolo Galea et</u>** (Kollez. Vol.XLII.I.517) osservat li *jus superveniens* kienet applikata mill-qrati taghna l-aktar meta l-obbligazzjoni li tkun il-bazi tal-azzjoni tkun sospiza b` kundizzjoni jew terminu, u l-kundizzjoni tavvera ruhha jew it-terminu jaghlaq waqt il-kawza. Dawn huma l-kazi tipici li fihom tapplika **<u>imma m` humiex tassattivi b` mod assolut</u>**. Id-dottrina ghandha effett retroattiv u giet applikata mill-qrati taghna anke meta difett inizzjali jkun gie sanat, bis-sopravenjenza tad-dritt. (ara wkoll : **<u>Vella vs Galea</u>** – Kollez. Vol XXXIII.I.254 ; Qorti tal-Appell Inferjuri - **<u>Paul Azzopardi vs Maria Lourdes Sciberras</u>** – deciza fit-12 ta` Frar 1996)

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Martone.**

## IV. <u>Ir-raba` (4), il-hames (5) u s-sitt (6) eccezzjonijiet tal-konvenuti Martone</u> - (*Res judicata*)

B`dawn it-tliet eccezzjonijiet, il-konvenuti qeghdin jinvokaw *res judicata.*

**<u>Fir-raba` eccezzjoni</u>**, il-konvenuti Martone jeccepixxu illi l-mertu ta` l-kawza tal-lum kien diga` jifforma parti minn u kien deciz favur taghhome fil-kawza fl-ismijiet **<u>Herbert Baldacchino et vs Cecil Pace et noe</u>** (Citaz. Nru. 1707/1993) wara li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta kienet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell b`sentenza li tat fil-25 ta` Frar 2000 u baqghet kif deciza finalment wara procedura ta` ritrattazzjoni li kienet deciza fit-22 ta` April 2004. Ghalhekk hemm gudikat favur taghhom.

Kompla jigi eccepit mill-konvenuti illi l-mertu ta` l-kawza tal-lum diga` kien jifforma parti mill-mertu ta` kawza ohra li kienet deciza favur taghhom fl-ismijiet **<u>Cecil Pace vs Michele Martone et</u>** (Citaz. Nru. 1202/1997) deciza fil-15 ta` Ottubru 2008.

Kien eccepit ukoll illi l-mertu ta` l-kawza odjerna kien trattat u deciz fis-sentenza fil-kawza **Cecil Pace et pro et noe vs Emmanuel A. Bonello pro et noe et** (Citaz. Nru. 146/1989) li ghaddiet in gudikat fl-24 ta` Jannar 2014, wara li appell li kien interpost mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti kien dikjarat dezert bi provvediment tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta` Lulju 2015.

**Fil-hames eccezzjoni**, il-konvenuti Martone jikkontendu li l-mertu tal-azzjoni attrici huwa ezawrit u li l-azzjoni kif proposta hija biss abbuz tas-sistema legali ghaliex hija intiza sabiex terga` tiftah proceduri dwar materja li llum ghaddiet in gudikat.

**Fis-sitt eccezzjoni** jinghad mill-konvenuti Martone illi l-azzjoni kif proposta hija wkoll inammissibli stante li ghandha effett li tiddistruggi, jew tirrestringi u tistultifika l-effett tal-gudikat tas-sentenzi precedenti li ghalihom ghamlu referenza fir-raba` eccezzjoni.

## 1. Gurisprudenza

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-10 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Crocefissa Sammut et vs Joseph Spiteri**".

Kien rilevat illi sabiex ikun hemm *res judicata*, iridu jissussistu tliet rekwiziti li huma kumulattivi - mhux alternattivi ghal xulxin. Nieqes imqar wiehed minnhom, taqa` l-eccezzjoni.

It-tliet elementi huma :-

a) *eadem res*
b) *eadem causa petendi*
c) *eadem personae.*

## a) *Eadem res*

Analizi ta` l-element *eadem res* saret fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta` Jannar 2002 fil-kawza "**Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Ltd**".

Hemm inghad illi dan l-element jirrigwarda l-fatt li l-oggett mertu tat-talba l-gdida jkun identiku ghat-talba precedenti li tkun giet determinata b`sentenza li tkun ghaddiet in gudikat.

Ghalhekk sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-qrati, jekk din tkun intiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien intalab b`talba precedenti li tkun giet determinata b`sentenza ta` qabel.

Minn dan isegwi li anke jekk l-oggett ta` t-talba l-gdida hu simili ghal dak ta` decizjoni precedenti, izda mhux identiku, is-similarita` mhijiex ostakolu ghat-talba l-gdida ghaliex l-effetti ta` sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li jkunu ressqu l-partijiet u dak deciz mill-Qorti.

Mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta` kif ghandha tigi determinata l-identita` ta` l-oggett jidher illi l-ahjar metodu huwa li l-qorti tezamina jekk il-kwistjoni li titressaq permezz tat-talbiet attrici tkunx giet jew le deciza fis-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati fis-sentenza l-ohra jew jekk baqghu mhux decizi.

Jekk il-kwistjoni tkun diga` giet trattata u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta` l-oggett.

Fl-istess sens kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fit-8 ta` Jannar 2001 fil-kawza **Dr Joseph Sammut vs Tat-Taljan Co. Ltd**.

**b)** ***Eadem causa petendi***

L-element *eadem causa petendi* jirrikjedi li "*the cause of the claim*" fit-talba l-gdida tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-causa petendi hi "*the title on which the demand is based".*

Sabiex jirrizulta l-element, irid jigi ppruvat li l-kawzali tat-talba l-gdida tkun fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba

precedenti u li tkun giet determinata b`sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` ta` motivi tal-*causa petendi.*

**c)** ***Eadem personae***

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza "**Charles Cortis v. Francis X. Aquilina et**" fejn inghad illi :-

> *"L-element tal-identita` tal-persuni, huwa wkoll fondamentali u ta` siwi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn. In-nuqqas tieghu huwa bizzejjed biex jeskludi l-gudikat ghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rappresentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b`sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, ukoll jekk l-ezitu ta` dik is-sentenza ikun jiffavorih."*

Trattati r-rekwiziti, il-Qorti tishaq illi l-eccezzjoni ta` *res judicata* ghandha applikazzjoni restrittiva.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby**" kien rilevat illi :-

> *"Il-fundament ta` l-`actio` u ta` l-`exceptio judicati` hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija `strictissimae interpretationis`. Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta` kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta` l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f`kawza deciza b`sentenza li gja ghaddiet f`gudikat.*
>
> *Sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat.*

*L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b`cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet `effettivament` deciza bis-sentenza ta` qabel … Fid-dubju l-Imhallef m`ghandux jippropendi favur l-eccezzjoni tal-gudikat."*

Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Marzu 1958 fil-kawza "**<u>Caterina Gerada vs Avukat Dr. Antonio Caruana</u>**" il-Qorti tal-Appell irriteniet illi :

*"L-eccezzjoni tal-judikat ghandha tigi ammessa b`cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt bhla meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistghax ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet "effettivament" deciza bis-sentenza ta` qabel u mhux biss li "setghet tigi deciza."*

*Huwa veru li l-motivazzjonijiet fis-sentenza jiswew biex jiddeteminaw il-vera portata tal-punt deciz, b`mod li ghalkemm l-awtorita` tal-gudikat tkun dejjem u eskluzivamnet fid-dispozittiv is-sens ezatt u gust tad-dispozittiv u l-estensjoni legittima tieghu jkunu determinati u spjegati fil-mottivazzjonijiet, anzi xi drabi jigri illi d-decizjoni ma tkunx interament fil-parti dispozittiva tas-sentenza imma tkun anki fil-parti razzjonali taghha meta fil-motivazzjoni tigi definita u rizoluta xi kwistjoni b`mod li dik il-parti tkun il-premessa logika u necessarja tad-dispozittiv u allura dik il-parti tifforma haga wahda maddizpozittiv li kollha flimkien kien jiffurmaw il-gudikat...*

*"Dan kollu pero` mhux applikabbli meta f`sentenza li minnha hu allegat li johrog il-gudikat, la fil-motivazzjonijiet u lanqas fid-dispozittiv u lanqas fit-tnejn kombinati flimkien, ma tkun giet verament "deciza" l-identika*

> *kwistjoni li l-parti kuntrarja tallega li hija perenta bil-gudikat anzi meta dik il-kwstjoni mhux talli ma tkunx giet verament deciza imma anzi tkun giet espressament riservata."*

Huwa pacifiku illi "*fejn dispositiv ta` sentenza jkun semplicimient jikkonsisti f` liberazzjoni ab observantia ma jistax jinghad li kien hemm gudikat vinkolanti bejn il-partijiet u allura l-kwestjoni tista` tigi riproposta`ex novo.*" (Qorti tal-Appell : 10 ta` Marzu 2004 : "**<u>Joseph Aquilina et noe v. Charles Camilleri</u>**") ghaliex kif kien ritenut fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta` Dicembru 1884 fil-kawza "**<u>Negte. Nicola Mifsud ed altri v. Comte. Paolo Albanese</u>**" *"e` positivo che la sentenza liberatoria dall`osservanza del giudizio non sia definitiva in merito e nulla osta perche` le stesse domande siano riproposte."*

Kien ukoll stabbilit illi biex *res judicata* tigi eccepita b`success jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta` qabel. Jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta` qabel ma titqiesx ta` ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba (Qorti ta` l-Appeal (Inferjuri) tas-6 ta` April 2005 fil-kawza "**<u>Joseph Difesa v. L-Awtortita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar</u>**").

(ara wkoll : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 20 ta` Jannar 2016 – "**<u>Vella Estates Limited v. Raymond Azzopardi et</u>**"; u "**<u>David Theuma et vs Giuseppi Spiteri</u>** – 2 ta` Marzu 2015 u l-gurisprudenza estensiva citata fiz-zewg decizjonijiet).

**2. <u>Sottomissjonijiet</u>**

**<u>Il-konvenuti Martone</u>** jaghmlu l-argument illi dwar is-sehem mertu tal-kawza tal-lum, inghataw diversi decizjonijiet diga` li saru gudikati. Jirreferu ghal **<u>Cecil Pace vs Michele Martone et</u>** (Citaz. Nru. 1202/2007) li kienet deciza fil-15 ta` Ottubru 2008 fejn intlaqghet l-eccezzjoni ta` *res judicata* bhala konsegwenza tad-decizjoni fil-kawza Citaz. Nru. 1707/93. Kien dikjarat illi l-kwistjoni tat-trasferiment tas-*shares*, inkluz dik tat-trasferiment ta` sehem wiehed minn Zammit ghal Martone, kienet deciza u saret gudikat.

Martone jikkontendu li l-punt kontrovers u l-oggett tal-kawza odjerna huma l-istess bhal dawk tac-Citaz. Nru. 1707/93. Ighidu illi f` dik il-kawza kien deciz illi t-trasferiment u r-registrazzjoni tal-ishma fl-isem

ta` Michele Martone kien regolari, dan wara li kien ezaminat l-istatut tal-kumpannija. Qalu wkoll illi saret ukoll kawza ohra Citaz. Nru. 146/89 li kienet deciza fl-24 ta` Jannar 2014 li ukoll hija *res judicata* fejn kienet deciza l-kwistjoni ta` l-ishma ta` Martone.

Martone jinsistu illi l-kawza tal-lum hija identika ghall-ohrajn decizi bid-differenza li l-kawza odjerna qed issir minn MIDC Limited. Fil-kawzi l-ohra MIDC Limited kien parti fil-kaz ta` xi whud.

**Is-socjeta` konvenuta** tikkontendi illi indipendentement ghar-*res judicata*, jekk fil-kawzi ta` qabel, kien hemm accettazzjoni li s-sehem li akkwista Martone kien akkwistat validament, izda mbaghad il-kawzi kienu decizi kontra dak pretiz mill-atrici, allura l-atrici ma tistax tibdel il-posizzjoni billi tghid illi l-akkwist ta` s-sehem ma sarx validament.

Skont is-socjeta` konvenuta, l-attrici rrinunzjat tacitament ghad-dritt li timpunja dak in-negozju ghax bil-proceduri taghhom stess accettaw li n-negozju huwa validu.

Dwar dan l-argument tal-ahhar, il-Qorti qeghda tesprimi ruhha fis-sens illi mhux ser jinghata konsiderazzjoni almenu fl-istadju attwali tal-kawza billi ma jolqotx l-eccezzjoni ta` *res judicata.* Jekk ikun il-kaz, l-argument jinghata konsiderazzjoni jekk ikollha okkazjoni li tittratta u tiddeciedi l-eccezzjoni fil-mertu : *electa una via, non datur recursus ad alteram.*

Min-naha taghha, **is-socjeta` attrici** tikkontendi illi fil-kawza Citaz. Nru. 1707/93, il-partijiet huma l-istess hlief ghal Zammit. Fl-istess waqt kien hemm id-dibattiment quddiem il-qorti dwar l-akkwist ta` 9212-il sehem. Imkien ma tirrizulta xi referenza, talba jew gudikat dwar it-trasferiment ta` s-sehem partikolari li jifforma l-mertu tal-kawza tal-lum.

Imbaghad b`referenza ghall-kawza Citaz. Nru. 1202/2007 jinghad illi l-motivazzjoni li wasslet lill-qorti sabiex tiddeciedi li kien hemm *res judicata* kienet skorretta peress li mkien ma hemm l-icken analizi tal-punt in dizamina, ossija dwar il-validita o meno tat-trasferiment tas-sehem. Fl-istess kawza, MIDC Limited ma kinitx parti.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Sabiex tasal biex tistabilixxi jekk jissussistux ir-rekwiziti ta` *res judicata* fil-kawza tal-lum, il-Qorti sejra tirreferi ghad-decizjonijiet citati mill-konvenuti Martone in sostenn tal-eccezzjoni taghhom.

**a) Herbert Baldacchino bhala mandatarju ta` l-assenti Massimiliano Martone**

**vs**

**Cecil Pace u Henry Pace f'isimhom proprju u Cecil Pace bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` M.I.D.C. Limited u ghal kull interess li jista` jkollu Emmanuel A. Bonello bhala kontrollur tas-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited in rapprezentanza tal-istess**

**(Citaz. Nru. 1707/1993)**

Il-premessi tal-kawza kienu illi l-attur kien azzjonista ta` 9212-il sehem ordinarju tal-kumpannija Malta & Europe Hotels Limited u illi huwa kien sar jaf li l-konvenuti Pace kienu pprezentaw ic-Citaz. Nru. 146/89 fejn arrogaw pretensjonijiet fuq il-proprjeta` ta` dawk l-ishma.

Ghalhekk ipprezenta c-citazzjoni sabiex it-titolu tieghu ghall-ishma jkun rikonoxxjut gudizzjarjament, u sabiex jigi dikjarat li huwa l-uniku azzjonista proprjetarju tal-azzjonijiet fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited.

Intalab ukoll sabiex il-Qorti tiddikjara li kull pretensjoni tal-konvenuti Pace dwar il-proprjeta` ta` dawk l-azzjonijiet hija nfondata u sabiex il-Qorti tordna li jittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenuti Pace personalment ai termini ta` l-Art 805 tal-Kap 12.

**i) Is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-31 ta` Ottubru 1997**

Fis-sentenza taghha, il-Qorti ghamlitha cara li "*l-azzjoni intentata mill-attur hi intiza ghall-otteniment ta` dikjarazzjoni illi huwa hu l-azzjonist fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited u mhux il-konvenuti ahwa Pace. Kemm l-attur kif ukoll l-ahwa Pace jippretendu li huma akkwistaw l-azzjonijiet li kellu Antonio Ghidoli fl-imsemmija kumpannija.*

*Dan ifisser li **z-zewg partijiet qed jirreklamaw drittijiet fuq l-istess oggett cioe` l-azzjonijiet tal-imsemmi Ghidoli**.”* (enfazi ta` din il-qorti)

L-unika referenza li hemm fis-sentenza ghas-sehem li Martone akkwista minn Zammit huwa meta l-Qorti tghid :

> *“Fil-1974, l-avukat Martone, sar shareholder tal-kumpannija Malta & Europe hotels Limited billi akkwista share wiehed minghand certu J. Zammit. Minn dak il-mument, dahal in effett il-ftehim li l-avukat Martone kellu ma` Ghidoli biex jakkwista l-ishma li dan kellu fl-istess kumpannija.”*

Il-Qorti osservat illi r-rimedju li kellhom il-konvenuti kellu jigi ricerkat fil-konfront ta` l-azzjonisti Ghidoli u Delle Piane li allegatament ghaddew is-*shares* taghhom darbtejn.

Osservat ukoll li :

> *“Il-Qorti f` dan l-istadju ma tistax ma tirrimarkax illi kien jkun ferm aktar prudenti li kieku l-istess kontrollur stenna l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet “Pace vs Bonello” f` liema kawza kien konvenut nomine (Citaz. Nru 146/89); u liema kawza giet proposta qabel ir-registrazzjoni milli mexa fuq parir moghti minn avukat minkejja illi l-Qorti ma ghandha ebda raguni li tiddubita l-objettivita` u imparzjalita` tieghu.”*

Finalment il-Qorti tat decizjoni fejn laqghet biss l-ewwel talba izda ghamlitha cara li l-materja ghada *sub iudice* fil-kawza l-ohra Citaz. Nru. 146/89.

Precizament qalet hekk :-

> “ … *tilqa` bss l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attur Massimiliano Martone huwa legalment l-uniku azzjonist proprjetarju tal-azzjonijiet fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Ltd, u dana ghar-ragunijiet fuq moghtija, peress li huwa d-detentur u prezentement jippossjedi dawn l-ishma.*

*Il-Qorti trid ta` bilfors tirrimarka illi dan huwa l-istat fattwali ezistenti llum pero` li l-materja ghada sa certu punt `sub judice` fil-kawza l-ohra fuq imsemmija."*

Il-Qorti cahdet it-tielet talba.

Dwar it-tieni talba sostniet :

*" ... Huwa ovvju li t-tieni talba tinstab `sub judice` u li l-pretensjonijiet tal-konvenuti qeghdin jigu dibattuti fil-kawza l-ohra fuq imsemmija. Din il-Qorti ghalhekk trid ta` bilfors tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta` din it-talba."*

**ii) <u>Is-sentenza ta` l-Qorti tal-Appell tal-21 ta` Frar 2000</u>**

Fis-sentenza taghha, il-Qorti ta` l-Appell ghamlet car il-punt illi l-kwezit li kellu jigi mistharreg u deciz kien min kellu jigi ritenut li kien it-titolari u proprjetarju ta` l-ishma li kienu jippossjedu fi proprjeta` Dr Antonio Ghidoli u Signori Nada delle Piane Ghidoli.

Inghad illi l-fatt li Qorti tiddeciedi li mill-atti processwali jirrizulta ppruvat li l-proprjeta` ta` dawk l-ishma kienet ta` parti u mhux ta` ohra, bl-ebda mod ma jkun ifisser li l-parti telliefa ma jistax ikollha dritt ta` rivalsa kontra min seta` ppregudika l-jeddijiet taghha b` negozju li ghamel mal-parti l-ohra wara li jkun akkorda l-bejgh ta` l-ishma.

Il-Qorti ghamlet evalwazzjoni tal-provi in konnessjoni ma` l-ishma li kienu jippossjedu Ghidoli u Delle Piane u kif ma setax jigi kkonsidrat li kien hemm *transfer* validu tas-*shares* favur MIDC Limited.

Iktar tard fid-decizjoni, il-Qorti rega` nnotat li "*t-talba ta` l-attur kif impostata fic-citazzjoni hi li l-qorti tiddikjara u tiddeciedi li huwa l-uniku proprjetarju ta` l-azzjonijiet fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Ltd, u li kull pretensjoni tal-konvenuti Pace <u>fir-rigward tal-proprjeta` ta` dawn l-azzjonijiet</u> tigi dikjarata infondata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi."*

Fis-sentenza l-uniku accenn ghas-sehem wiehed, mertu ta` l-kawza tal-lum, huwa meta jinghad :-

> *"Mill-banda l-ohra differenti hi l-pozizzjoni fir-rigward ta` l-akkwist ta` dawn l-istess ishma tal-konjugi Ghidoli mill-attur appellat. Dana akkwista kemm l-ishma ta` Antonio Ghidoli kif ukoll dawk ta` Nada Delle piane Ghidoli permezz ta` zewg skritturi datati 20 ta` Settembru, 1972 li bihom gew lilu assenjati jew trasferiti ishma bil-kondizzjoni espresso li tali trasferiment ikun effettiv mid-data li l-attur isir socju tal-kumpannija Malta & Europe Hotels Ltd.* ***Kondizzjoni li avverrat ruhha bl-akkwist mill-attur ta` sehem wiehed f` dik is-socjeta`, liema akkwist gie approvat mill-Kontrollur taghha ... L-istess Kontrollur infatti jiddikjara espressament illi "non ho opposizione al trasferimento" u sussegwentement ghal din id-dikjarazzjoni, l-attur gie registrat bhala socju fis-socjeta`."***
> (enfazi ta` din il-qorti).

Il-Qorti kompliet billi fir-rigward ta` l-appell incidentali sostniet li l-Ewwel Qorti ma setghetx tilqa` l-ewwel talba attrici minghajr ma` tinvesti u tiddeciedi ukoll it-tieni talba.

Inghad illi d-dikjarazzjoni fis-sentenza appellata li l-Qorti kienet qed tastjeni milli tippronunzja ruhha fuq dik it-talba kienet necessarjament tippregudika l-pronunzjament taghha li l-attur kien fil-ligi l-uniku azzjonista proprjetarju ta` l-azzjonijiet fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited.

Il-Qorti ta` l-Appell rega` tenniet kjarament illi :-

> *"Jerga` jigi ribadit illi dan kollu ma jfissirx illi l-appellanti proprio et nomine ma kellhomx id-dritt illi jattakkaw l-operat tal-Kontrollur meta fil-fehma taghhom dan ippregudikahom meta dan ghazel li japprova t-trasferiment favur l-appellat u awtorizza r-registrazzjoni ta` tali trasferiment mil-lista tas-socji. Kif lanqas jipprekludi lill-istess appellant proprio et nomine li jikkontestaw xi agir ta` l-appellat, li, fil-fehma taghhom, kein*

*jikkostitwixxi vjolazzjoni ta` l-obbligi professjonali tieghu, jew agir kriminuz kif minnhom allegat li seta` jippregudikalhom l-possibilita` illi huma jakkwistaw l-ishma li fuqhom kellhom akkordju minn dejjem skond l-iter obbligat u stabbilit fl-Articles of Association. Dan kollu jibqa` impregudikat u mhux eksluz illi jaqa` fit-termini ta` l-azzjoni l-ohra illi l-appellanti proprio et nomine ghazlu li jaghmlu kontra l-Kontrollur."*

Ghalhekk il-Qorti irriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi kkonfermatha fejn laqghet l-ewwel talba attrici u rrevokatha fejn cahdet it-tieni talba attrici billi invece laqghet it-tieni talba.

Inoltre l-Qorti rrizervat lill-kontendenti kull dritt ta` azzjoni li jista` jkun ghad lilhom kompetenti fir-rigward ta` l-allegazzjonijiet reciproci li jattakkaw il-validita` tan-negozji kontrattati minhabba kondizzjonijiet mhux dettati f` dik is-sentenza.

**iii) <u>Is-sentenza ta` l-Qorti tal-Appell tat-22 ta` April 2004 dwar ir-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-20 ta` Frar 2000</u>**

Intalbet ir-ritrattazzjoni abbazi tal-Art 811(a),(i),(k) u (l) tal-Kap 12.

Ma jissemma xejn dwar is-sehem wiehed li Martone akkwista minn Zammit hlief fil-parti fejn kienu elenkati sitt okkazzjonijiet fejn allegatament Martone qarraq.

Inghad illi meta l-attur xtara sehem fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited minghand terzi ma nghatax l-avviz illi l-istatut kien jistipola li kellu jinghata lill-azzjonisti l-ohra u l-attur gieghel lill-kontrollur tas-socjeta` biex ighid li ma kellux oggezzjoni ghat-trasferiment favur tieghu, meta ma kinitx tharset il-procedura ghat-trasferimenti.

Il-Qorti irrimarkat illi l-allegazzjoni ta` qerq kienet tqajmet fit-tmien u fl-ghaxar eccezzjonijiet tal-konvenuti Pace u rrizulta li Martone kien in buona fede. Ghalhekk, ma setax jitqies li kien qerq gudizzjarju.

Il-Qorti cahdet it-talba ghat-thassir tas-sentenza.

### iv) <u>Is-sentenza finali tal-kawza Citaz. Nru. 1707/1993 u l-kawza tal-lum</u>

Il-Qorti ser tghaddi biex tara jekk jirrizultawx sodisfatti r-rekwiziti tar-*res judicata* fil-kawza tal-lum riferibbilment ghad-decizjoni fil-kawza Citaz. 1707/1993.

**<u>Ghar-rigward tar-rekwizit *eadem personae*</u>**, il-Qorti tqis l-partijiet fil-kawza tal-lum lkoll kienu partijiet fil-kawza l-ohra hlief ghal Michele Martone. Madanakollu, il-vertenza fiz-zewg kawzi kienet bejn Massimiliano Martone u Cecil Pace. Michele Martone ma kienx parti fil-kawza l-ohra peress li dak iz-zmien l-ishma kienu registrati fuq Massimiliano Martone. Ghalhekk tqis li r-rekwizit jirrizulta ppruvat b`mod sodisfacjenti.

**<u>Ghar-rigward tar-rekwizit *eadem res*,</u>** il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet u l-mertu taz-zewg kawzi huma differenti.

Fil-kawza l-ohra, it-talba kienet sabiex Martone jigi dikjarat li huwa l-uniku azzjonista ta` 9212–il sehem fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited u li kull pretensjoni tal-konvenuti Pace rigwardanti l-proprjeta` ta` dawn l-ishma kellha tigi dikjarata infondata.

Ghalhekk l-oggett kien 9212-il sehem fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited b` attenzjoni partikolari fir-rigward ta` trasferiment ta` 9211 sehem minn Ghidoli u Delle Piane a favur Michele Martone.

Il-provi kollha u l-kontestazzjoni daru madwar id-9211-il sehem li Martone akkwista minghand Ghidoli u Delle Piane.

Ma sarx ezami tat-trasferiment ta` s-sehem wiehed li Martone kien akkwista minghand Zammit.

Fil-kawza tal-lum, ma hemm l-ebda referenza ghad- 9211-il sehem izda biss ghas-sehem wiehed li kien akkwistat minn Michele Martone minghand Zammit.

**<u>Ghar-rigward tar-rekwizit *eadem causa petendi*</u>**, il-Qorti tghid illi l-kawzali taz-zewg kawzi huma differenti.

Il-premessi tal-kawza l-ohra kien ir-registrazzjoni ta` l-ishma fl-isem ta` Massimiliano Martone. Hemm l-indagini li saret kienet tirrigwarda t-trasferimenti li saru bejn Michele Martone u Gidholi u delle Piane kif ukoll it-trasferimenti li saru bejn Michele Martone u ibnu Massimiliano Martone.

Meta gharblet dak li nghad fis-sentenzi tal-Ewwel u tat-Tieni Grad fil-kawza l-ohra, jirrizulta li fil-kawza l-ohra ma saret l-ebda indagini tal-mod kif Michele Martone akkwista minghand Zammit is-sehem li dwaru saret il-kawza tal-lum.

Il-kontestazzjoni fil-kawza odjerna tirrelata ma` l-allegazzjoni li t-trasferiment u r-registrazzjoni ta` sehem wiehed li Michele Martone akkwista minghand Zammit sar b`mod irregolari peress li ma kenitx osservata l-procedura stabbilita mill-istatut tal-kumpannija intimata.

Dan il-punt ma kienx trattat fil-kawza l-ohra.

**Il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ta` *res judicata* fir-rigward tal-kawza Citaz. Nru.1707/1993.**

**b) <u>Cecil Pace</u>**

**<u>vs</u>**

1. **<u>Michele Martone</u>**
2. **<u>Massimiliano Martone</u>**

**<u>(Citaz. Nru. 1707/1993)</u>**

Fil-premessi, l-attur jippremetti illi huwa azzjonista tas-socjeta` MIDC Limited li hija azzjonista tas-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited u li s-sehem wiehed li Martone allegatament xtara minghand Zammit fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited kien trasferit u registrat b` mod irregolari u kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 6(1) tal-*articles of association* tal-kumpannija. Ghalhekk inghad mill-attur illi t-

trasferiment ta` 9,211-il sehem li Martone kien akkwista minghand minghand Ghidoli u Delle Piane huwa null u bla ebda effett legali.

L-attur talab dikjarazzjoni mill-qorti : (i) illi t-trasferiment u registrazzjoni ta` dak is-sehem wiehed fl-isem ta` Michele Martone u li allegatament kien trasferit lilu minn Zammit huwa null u bla ebda effett legali ; (ii) illi t-trasferiment u registrazzjoni minghand Ghidoli u delle Piane ta` 9,211 sehem fl-isem ta` Michele Martone fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Lmited huwa null u bla ebda effett legali ; u (iii) illi l-allegat trasferiment ta` 9,212-il sehem lil Massimiliano Martone minghand Michele Martone fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited huwa null. Saret ukoll talba sabiex jigi ordnat il-kancellament tat-trasferiment u registrazzjoni ta` 9,212-il sehem fl-isem ta` Massimiliano Martone fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited.

**i) <u>Is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-15 ta` Ottubru 2008</u>**

Fid-decizjoni taghha, il-Qorti rrimarkat illi l-kawza kienet titratta l-ishma proprjeta` ta` Michele Martone fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited.

Saret referenza ghall-fatt li fl-1974 Michele Marone sar *shareholder* tas-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited billi akkwista sehem wiehed minghand Zammit.

Fis-sentenza, il-Qorti laqghet l-eccezzjoni li l-attur m`ghandux l-interess guridiku li jipproponi l-azzjoni. Fost ragunijiet ohra, inghad illi l-atturbhala azzjonist fil-kumpannija MIDC Limited kien jigi awtorizzat jagixxi f`ismu proprju u ghan-nom tal-kumpannija li kieku kiseb l-awtorizzazzjoni biex jaghmel hekk skont kif jistipola l-Art 402 tal-Kap 386.

Fis-sentenza kienet trattata l-eccezzjoni ta` *res judicata* li kienet milqugha.

Inghad illi l-partijiet kienu differenti izda l-vertenza kienet bejn l-istess persuni ossija Massimiliano Martone u Cecil Pace. Il-partijiet l-ohra dahlu ghall-kompletezza u integrita` tal-gudizzju.

Dwar l-oggett tal-kawza, il-Qorti qalet li l-identita` ta` l-oggett ma hemmx bzonn li tkun assoluta basta jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers.

Kompliet tghid hekk :-

> *"Fil-kaz in ezami, s-sentenzi moghtija fil-kawza Cita 1707/93 kollha kkonfermaw illi t-titolu ta` l-ishma kien ta` Massimiliano Martone u mhux ta` Cecil Pace u kull pretensjoni ta` Pace rigwardanti l-proprjeta` ta` dawn l-ishma kienet infondata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Fil-kawza odjerna, il-premessi u t-talbiet tar-rikorrent huma rigward l-istess ishma fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Ltd. Dawn il-pretensjonijiet tar-rikorrent f` dan ir-rigward diga` gew dikjarati nfondanti fis-sentenza tal-25 ta` Frar 2000. Il-punt kontrovers ghalhekk huwa l-istess kif ukoll l-oggett tal-kawza odjern jidhol bhala parti integrali ta` l-oggett fl-ewwel citazzjoni Citaz: 1707/93."*

Dwar il-kawzali, il-Qorti rrilevat li l-indagni li saret fil-kawza 1707/1993 kien ezami ta` kif saru diversi trasferimenti senjatament dawk ta` (i) bejn Zammit u Pace, (ii) bejn Ghidoli u delle Piane u Michele Martone u (iii) bejn Michele Martone u ibnu Massimiliano.

Il-Qorti sostniet :

> *"Illi minn ezami tas-sentenzi ezebiti jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent fil-kawza odjerna kein gja gie trattat fit-tul fil-konsiderazzjoni tat-talbiet u eccezzjonijiet tal-kawza 1707/93. Dik il-Qorti ddecidiet li t-trasferiment u r-registrazzjoni tal-ishma f` isem Michele Martone kien wiehed regolari wara li ezaminat l-istatut tal-kumpanija. Dik il-Qorti ezaminat ukoll t-trasferiment l-ohra u sabet li kienu regolari. Fil-kawza odjerna, ir-rikorrent qed jerga` jipprova jattakka dawn it-trasferimenti, liema pretenzjoni tar-rikorrent pero` giet diga` skartata fis-sentenza li issa ghaddiet in gudikat....Fil-kawza odjerna, invece r-rikorrenti minflok agixxa kif indikat fis-sentenza, hu rega` rega ppropona kawzalijiet li*

*kienu gja determinati fis-sentenza msemmija Citaz 1707/93."*

## ii) <u>Is-sentenza fil-kawza Citaz. Nru. 1202/2007 u l-kawza tal-lum</u>

Il-Qorti ser tghaddi biex tara jekk jirrizultawx sodisfatti r-rekwiziti tar-*res judicata* fil-kawza tal-lum riferibbilment ghad-decizjoni fil-kawza Citaz. 1202/2007.

**<u>Ghar-rigward tar-rekwizit *eadem personae*</u>**, il-Qorti tqis li l-kontendenti huma differenti peress li l-kawza precedenti saret minn Cecil Pace kontra Michele Martone u Massimiliano Martone filwaqt li l-kawza tal-lum saret minn MIBC Limited kontra Malta & Europe Hotels Limited, John Zammit, Michele Martone u Massimiliano Martone.

Ghalhekk fil-kawza precedenti, ma kinux involuti bhala partijiet ir-rikorrenti MIBC u l-intimata Malta & Europe Hotels Limited, filwaqt li gie inkluz ukoll John Zammit.

**<u>Ghar-rigward tar-rekwizit *eadem res*</u>**, il-Qorti tqis li l-oggett tal-kawza jirrizulta li huwa l-istess ; almenu ghal dak li jirrigwarda t-talbiet tal-kawza odjerna u l-ewwel talba tal-kawza Citaz. Nru. 1202/2007.

Qed jinghad dan peress li fil-kawza Citaz. Nru. 1202/2007 kien hemm talbiet relatati mat-trasferiment ta` 9,211 ishma fl-isem ta` Michele Martone minghand Antonio Ghidoli u Nada delle Piane u t-trasferiment ta` 9,212 ishma fl-isem ta` Massimiliano Martone minn Michele Martone.

**<u>Ghar-rigward tar-rekwizit *eadem causa petendi*</u>**, il-Qorti tqis li l-kawzali huma l-istess fir-rigward tat-talbiet relatati ma` dak is-sehem wiehed li Michele Martone akkwista minghand Zammit.

Imbaghad hemm kawzali ohra li mhumiex kontenuti fil-kawza odjerna izda inkluzi biss fil-kawza precedenti liema kawzali jirrigwardaw id-9211-il sehem akkwistati minn Michele Martone minghand Ghidoli u Delle Piane.

Madanakollu ghandu jigi notat minn qari tas-sentenza fil-kawza Citaz. Nru. 1202/007 illi l-mertu baqa` ma kienx deciz.

Il-Qorti tirreferi ghall-gurisprudenza dwar *res judicata* li ccitat aktar kmieni fejn fil-kaz ta` meta d-dispositti ta` sentenza jkun jikkonsisti fil-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju jew decizjoni dwar eccezzjoni preliminari, hemm ma jistax jinghad li kien hemm gudikat vinkolanti bejn il-partijiet.

Fis-sentenza fil-kawza Citaz. Nru. 1202/2007 ma kienx hemm ezami tal-mertu izda kienet akkolta eccezzjoni preliminari.

**Il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ta` *res judicata* fir-rigward tal-kawza Citaz. Nru. 1202/2007.**

c) **<u>Cecil Pace u Henry Pace f`isimhom proprju u Cecil Pace bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` M.I.D.C. Limited</u>**

**<u>vs</u>**

**Emanuel A. Bonello f`ismu proprju u bhala Kontrollur u ghan-nom u in rapprezentanza ta` Malta & Hotels Limited u bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza ta` GHE Limited u b`dikriet tas-7 ta` Ottubru 1996 gie kjamat in kawza Dottor Michele Martone u b`nota tal-24 ta` Jannar 2003, Raymond Gatt bhala wiehed mill-partners ta` Gatt, Galea & Co assuma l-atti ta` din il-kawza minflok Emanuel A. Bonello**

**<u>(Citaz. Nru. 146/1989)</u>**

Fil-kawza kienet mitluba dikjarazzjoni mill-qorti illi s-socjeta` attrici hija proprjetarja ta` 9,223 ishma fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited li gew trasferiti lilha minghand Dottor Ghidoli u Dottoressa Delle Piane.

Intalab li l-konvenut proprio et nomine jigi ordnat jirregistra dawn l-ishma fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited a favur MIDC Limited.

Intalab li l-konvenut proprio et nomine jigi dikjarat li hu responsabbli ghad-danni kollha kagunati lill-atturi minhabba l-agir irresponsabbli, abbuziv u illegali tieghu meta ddikjara li Dr Martone kien akkwista 9,211 isham fis-socjeta` malta & Europe Hotels Limited minghand Dottor Ghidoli u Dottoressa Nada delle Piane.

**i) <u>Is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-24 ta` Jannar 2014</u>**

Kienet sollevata l-eccezzjoni tar-*res judicata* peress li kien allegat li l-mertu ta` l-ewwel zewg talbiet fil-kawza in kwistjoni kien diga` deciz bis-sentenza fil-kawza Citaz. Nru. 1707/93.

Il-Qorti osservat illi l-oggett ta` dik il-kawza hu identiku.

L-oggett fiz-zewg kawzi kien l-ishma fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited, liema ishma kienu originarjament jappartjenu lil Ghidoli u Delle Piane.

Il-Qorti qalet li l-azzjoni odjerna u l-azzjoni precedenti jitrattaw l-istess haga minkejja li fis-sentenza precedenti hemm imsemmija 9212-il sehem mentri fil-kawza odjerna hemm imsemmi 9223, billi kien jirrizulta sufficjentement li l-ishma mertu tal-kawza precedenti huma parti mill-ishma li dwarhom qed isiru l-proceduri in ezami.

Kompla jinghad illi dak li kien deciz fil-kawza precedenti iddefinixxa ukoll it-talba fil-kawza odjerna minhabba li t-talba fil-kawza odjerna kienet fondata fuq l-istess *ratio petendi*, ossija l-proprjeta` tal-istess azzjonijiet.

Il-Qorti ppronunzjat ruhha fis-sens illi l-partijiet fiz-zewg kawzi kienu l-istess.

**Ghalhekk l-eccezzjoni ta` *res judicata* kienet milqugha limitatament ghal 9212 tal-ishma in kwistjoni.**

**ii) <u>Il-provvediment tal-Qorti ta` l-Appell tat-13 ta` Lulju 2015</u>**

L-appell kien dikjarat dezert.

**iii) Is-sentenza fil-kawza Citaz. Nru. 146/1989 u l-kawza tal-lum**

Il-Qorti ser tghaddi biex tara jekk jirrizultawx sodisfatti r-rekwiziti tar-*res judicata* fil-kawza tal-lum riferibbilment ghad-decizjoni fil-kawza fuq citata.

**Ghar-rigward tar-rekwizit *eadem personae*,** il-Qorti ssib li dan huwa sodisfatt ghar-raguni li l-kontendenti huma l-istess hlief li fil-kawza Citaz. Nru. 146/1989 kienu nkluzi Cecil Pace u Henry Pace fl-isem taghhom personali kif ukoll ghal GHE Limited.

**Ghar-rigward tar-rekwizit *eadem res*,** il-Qorti ssib li l-oggett tal-kawza jirrizulta li huwa differenti.

Fil-kawza Citaz. Nru. 146/1989, it-talba principali kienet sabiex MIDC Limited tkun dikjarata bhala proprjetarja ta` 9223 ishma fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited li kienu gew trasferiti lilha minghand Ghidoli u delle Piane kif ukoll biex jigi ordnat li tali ishma jigu registrati f` isem l-MIDC.

Fil-kawza tal-lum, it-talba hija li jigi dikjarat null it-trasferiment minn Zammit ghal Michele Martone u t-trasferiment ta` l-istess sehem minn Michele Martone a favur ta` Massimiliano Martone.

Ghalhekk l-oggett tal-kawza huwa differenti.

**Ghar-rigward tar-rekwizit *eadem causa petendi*,** il-Qorti ssib li l-kawzali taz-zewg kawzi mhux l-istess.

Il-kwistjoni fil-kawza precedenti kienet li s-socjeta` rikorrenti hija proprjetarja ta` ammont ta` ishma precizament 9223 fis-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited li akkwistat minghand Ghidoli u delle Piane, mentri fil-kawza odjerna, il-kwistjoni tirrigwarda trasferiment u registrazzjoni ta` sehem wiehed biss li Michele Martone akkwista minghand Zammit, liema sehem gie sussegwentement trasferit lil Massimiliano Martone..

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha tkun respinta fit-totalita` taghha.

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tichad it-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenuti Martone, spejjez ghall-konvenuti Massimiliano, Annabella, Luigi u Franco ahwa Martone.**

**Tichad ukoll ir-raba` (4), il-hames (5) u s-sitt (6) eccezzjonijiet tal-konvenuti Martone, spejjez ghall-konvenuti Massimiliano, Annabella, Luigi u Franco ahwa Martone.**

**Tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**